**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru X**
**Appell Nru: 172/1999**

**Il-Pulizija (Spettur Patrick Spiteri)**

**Vs**

**JOSEPH ATTARD**

**Illum, 26 ta'Jannar, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi mressqa kontra Joseph Attard talli fis-17 ta'Mejju, 1996, fl-ajruport tal-Gudja, ghal habta ta' l-4.00p.m., (**1**) importa ghasafar hajjin jew mejtin minghajr ma gie ppruvat li dawn gew imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn ikunu originaw jew li m'humiex protetti fil-pajjiz ta' l-origini taghhom jew li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda awtorizzata, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 12 (3) ta' l-Avviz Legali 146/1993, (**2**) importa xi speci li tkun protetta fil-pajjiz mnejn torigina, ukoll jekk ma tkunx inkluza fit-tieni w t-tielet skeda li jinsabu mar-Regolamenti tal-1992 dwar il-Kummerc fi Speci ta'Fawna u Flora (A.L. 19/1992), ukoll jekk dak il-pajjiz mnejn torigina ma jkunx acceda ghal Konvenzjoni, minghajr licenzja ta' esportazzjoni minn dak il-pajjiz mnejn torigina, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 7 (3) ta' l-A. L. 19/1992, (**3**) uza mohqrija fuq l-annimali, bi ksur ta' l-Artikolu 153 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta'Malta. Il-Qorti giet mitluba sabiex, minbarra li tghati l-piena, tordna l-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Rat is-sentenza moghtija fl-4 ta'Gunju, 1999, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha ma sabetx htija f'Joseph Attard fl-ebda wahda mill-akkuzi dedotti kontrih, u, ghalhekk illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 16 ta'Gunju, 1999, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tinfliggi l-piena fuq l-appellat skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Semghet lix-xhieda prodotti.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi essenzjalment dan l-appell ta' l-Avukat Generali hu kollu kemm hu bazat fuq l-apprezzament tal-provi li kien sar mill-ewwel Qorti. Hu appell ibbazat fuq kwistjoni ta'fatti li rrizultaw lill-ewwel Qorti, u li, skond hi,ma kienux iwassluha sabiex issib htija fl-appellat Joseph Attard.

Kif dejjem gie ritenut, din hija Qorti b'funzjoni ta'revizjoni u mhux dik ta'Qorti ta'Prima Istanza. Din il-Qorti trid tara jekk l-apprezzament tal-provi li kien sar mill-ewwel Qorti kienx wiehed tajjeb, maghmul skond il-ligi, u li, ghalhekk, in bazi ta' dak l-apprezzament, l-ewwel Qorti setghetx jew le ragjonevolment u legalment tasal ghal dawk il-konkluzzjonijiet li tkun waslet ghalihom.

Din, ghalhekk, hija biss kwistjoni ta' diskrezzjoni li tkun ezercitat l-ewwel Qorti, u huwa rarament li din il-Qorti tasal biex tbiddel dik id-diskrezzjoni. Dan jigri meta jirrizulta lil din il-Qorti li b'mod ferm manifest l-ewwel Qorti kienet interpretat il-ligi hazin jew kienet kjarament ghamlet apprezzament tal-provi hazin, bir-rizultat li qatt ma setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal dawk il-konkluzzjonijiet li tkun hadet.

Din il-Qorti ghamlet l-ezami taghha tal-provi u anke semghet il-provi mill-gdid, u dan ghamlitu biss fil-kuntest tal-funzjoni taghha appena msemmija. Minn dak li semghet din il-Qorti w minn dak li setghet tikkonstata, ma hemm xejn li b'xi mod jista' jiggustifikaha li tvarja xi haga mill-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti u mill-konkluzzjonijiet taghha. Anke jekk, ghal grazzja ta' l-argument biss, din il-Qorti, wara li semghet il-provi hi, tista' forsi tasal ghal xi konkluzzjonijiet li jistghu jkunu differenti minn dawk ta' l-ewwel Qorti, dan it-tibdil jew varjazzjoni fid-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti ma tistghax tghamlu ghaliex din mhiex il-funzjoni taghha. Li trid tara hu jekk l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kienx wiehed legalment validu jew le. Jekk kien wiehed maghmul skond il-ligi, anke jekk din il-Qorti forsi tista' tasal biex ma taqbilx necessarjament mal-konkluzzjonijiet milhuqha mill-ewwel Qorti, xorta din il-Qorti ma tistghax tirrimpjazza dan l-apprezzament li tkun ghamlet hi ghal dak maghmul skond il-ligi mill-ewwel Qorti u li, in bazi tieghu, dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tiehu dawk il-konkluzzjonijiet u decizjonijiet li tkun waslet ghalihom.

Hu propju dan li gara fil-kaz odjern. L-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed tajjeb, skond il-ligi, u, ghalhekk, din il-Qorti ma hi ser tbiddel xejn minn dak li gie deciz minn dik il-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt li kull aggravju ta' l-appellant Avukat Generali qed jigi respint, il-Qorti qed tichad l-appell tieghu w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur